MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Numru 14/2009

Att ta' Akkuza Nru: 14/2009

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Joseph Cachia

Illum 18 ta' Marzu, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza numru erbatax (14) tas-sena elfejn u disgha (2009) fil-konfront ta' Joseph Cachia, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 777060M fejn l-Avukat Generali fl-ewwel kap ippremetta:

Illi fil-15 ta' April 2006, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17.45 hrs), Joseph Cachia kien qiegħed fl-għalqa tiegħu, limiti tal-konfini bejn Ħal-Safi u ż-

Żurrieq, liema għalqa hija konfinanti ma′ għalqa oħra propjeta′ ta′ Anthony Cachia, li jiġi ħu l-akkużat Joseph Cachia. Waqt illi kien fl-għalqa tiegħu, Joseph Cachia kellu tilwima ma′ ħuħ Anthony Cachia fuq ħajt tas-sejjiegħ li jinsab bejn l-għelieqi, u f′ħin minnhom Joseph Cachia qabad senter u spara xi tiri fid-direzzjoni ta′ Anthony Cachia bil-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdlu ħajtu f′perikolu ċar. Fortunatament, it-tiri sparati minn Joseph Cachia ma laqtux partijiet vitali fil-ġisem ta′ Anthony Cachia.

Illi b′għemilu, l-imsemmi Joseph Cachia sar ħati ta′ tentattiv ta′ omiċidju volontarju u ċioe′ talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f′perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b′atti esterni u ta′ bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta′ tiegħu.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi Joseph Cachia ħati ta′ tentattiv ta′ omiċidju volontarju u ċioe talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f′perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b′atti esterni u ta′ bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta′ tiegħu; jitlob jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta′ priġunerija minn seba (7) snin sa′ tletin (30) sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1) u (2), 31(1)(a) u (b)(i) u (ii) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta′ Malta, jew għal kull piena oħra li tista′ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta′ l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-tieni kap ippremetta:

Fl-istess żmien u ċirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap ta′ Akkuża, u ċioe` fl-15 ta′ April 2006, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta′ filgħaxija (17.45 hrs), fil-limiti tal-konfini bejn Ħal-Safi u ż-Żurrieq, Joseph Cachia fil-waqt li spara xi tiri fid-direzzjoni ta′ Anthony Cachia bil-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdlu ħajtu f′perikolu ċar, kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar jew arma regolari u ċioe′ senter.

Illi b′għemilu, l-imsemmi Joseph Cachia sar ħati talli fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna (barra minn omiċidju involontarju jew offiża fuq il-persuna involontarja)

kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan mhux għal xi għan leġittimu.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi Joseph Cachia ħati talli fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna (barra minn omiċidju involontarju jew offiża fuq il-persuna involontarja) kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan mhux għal xi għan leġittimu; jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn (2) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 19, 26 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66 tal-Liġijiet ta' Malta) u fl-artikolu 17, 18, 23, 31, 64 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u l-akkuzat Joseph Cachia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-Gimgha, 6 ta' Marzu, 2015 fejn l-esponenti, filwaqt li ddikjaraw li qablu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment talbu lil din il-Qorti li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammisssjoni da parti tal-akkuzat Alfred Camilleri ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqhu minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal perjodu ta' sentejn (2) sospizi ghal-(4) flimkien ma' multa ta' elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u dan oltre s-sanzjonijet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) u L-Ordinanza dwar L-Armi (Kap. 66).

Rat ukoll in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-Gimgha, 6 ta' Marzu, 2015, kontestwalment man-nota konguntiva msemmija hawn fuq fejn l-Avukat Generali, li biha informa lil Qorti illi in vista tal-possibilita' ta' ammissjoni tal-akkuzat fit-termini tar-rikors konguntiv tas-6 ta' Marzu, tas-sena elfejn u hmistax (2015), jddikjara li huwa dispost illi f'kaz illi l-akkuzat jammetti r-reat ta' ferita gravi taht l-artikolu 216(1)(a)(i) tal-Kodici Kriminali, huwa jaccetta din l-ammissjoni bhala alternattiva ghall-akkuza tat-tentattiv ta' omicidju kif rifless fl-

Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza kif pprezentament migjuba u dan filwaqt li jzomm ferm ghall-bqija tal-Kapi fl-istess Att ta' Akkuza kif migjuba.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat Joseph Cachia, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr illi huwa hati tar-reat ta' ferita gravi kif suriferit fin-nota tal-Avukat Generali kif ukoll tat-Tieni Kap kif redatt fl-att tal-Akkuza.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba tieghu.

Ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni, tiddikjara lil akkuzat Joseph Cachia, hati talli:

1. Fil-15 ta' April 2006, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17.45 hrs), gewwa Hal Safi, ikkommetta ferita gravi li setghet iggib il-periklu tal-hajja fuq il-persuna ta' Anthony Cachia.

2. Fl-istess, hin lok u cirkostanzi, fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan mhux għal xi għan leġittimu.

Ikkunsidrat,

Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Din il-Qorti tħoss li fil-każ ta' Joseph Cachia għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli 17, 18, 23, 31, 64, 216(1)(a)(i) u (2), u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll l-artikoli 2, 19,  26 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66 tal-Liġijiet ta' Malta), tikkundanna lil hati Joseph Cachia ghal-piena ta' prigunerija ta' sentejn (2), liema terminu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal erba' (4) snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali liema piena ta' prigunerija ma ghandiex tidhol fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' erba' snin mid-data ta' din l-ordni, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Tikkundanna lil hati jhallas ukoll multa multa ta' elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

Tikkundanna lil ħati ihallas is-somma ta' elef mija u tnejn u erbghin Ewro u tlieta u ghoxrin centeżmu (€1,142.23),  rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat.

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-llum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) il-Qorti spjegat lil hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat matul il-perjodu operattiv li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------